Appell ippreżentat fis-6 ta’ Awwissu 2019 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Id-Disa’ Awla) fis-27 ta’ Ġunju 2019 fil-Kawża T-20/17, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-596/19 P)

(2019/C 348/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Bottka u P.-J. Loewenthal, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Ungerija u Ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa’ Awla) tas-27 ta’ Ġunju 2019 fil-Kawża T-20/17, L-Ungerija vs Il-Kummissjoni;

— tiċħad it-tieni u t-tielet motiv li jinsabu fir-rikors ippreżentat mill-Ungerija quddiem il-Qorti Ġenerali, li permezz tagħhom l-Ungerija tallega ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u użu ħażin tal-poter, u tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż kollha relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-appell;

— sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tagħti deċiżjoni ġdida li tieħu inkunsiderazzjoni l-motivi li preċedentement ma kinux ġew eżaminati, fejn jiġu rriżervati l-ispejjeż tal-proċeduri tal-ewwel istanza u tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

Fil-kuntest tal-ewwel aggravju l-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE billi ddikjarat li l-istruttura tar-rati ta’ taxxa progressivi tat-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar ma kinitx selettiva. Il-Kummissjoni tibbaża din l-allegazzjoni fuq tliet argumenti:

— Fl-ewwel lok, fil-punti 78 sa 83 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball billi ddikjarat li meta l-Kummissjoni identifikat is-sistema ta’ riferiment, hija eskludiet b’mod żbaljat ir-rati ta’ taxxa progressivi tat-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar. Kuntrarjament għal dak li ddikjarat il-Qorti Ġenerali, l-approċċ propost mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha huwa kompatibbli mal-ġurisprudenza. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fid-determinazzjoni tas-sistema ta’ riferiment.

— Fit-tieni lok, fil-punti 84 sa 90 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball billi ddikjarat li meta l-Kummissjoni identifikat b’mod żbaljat l-għan tat-taxxa fuq ir-reklamar li fid-dawl tiegħu għanda tiġi eżaminata l-paragunabbiltà. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mill-perspettiva tal-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà huwa rilevanti biss l-għan tat-taxxa li għaliha tirreferi l-miżura, jiġifieri l-għan fiskali tal-miżura ddeterminat mill-fatt taxxabbli. Għanijiet oħra, bħal pereżempju l-kapaċità kontributtiva, huma rilevanti biss mill-perspettiva tal-evalwazzjoni dwar jekk tistax tiġi oġġettivament iġġustifikata xi tip ta’ distinzjoni magħmula mit-taxxa – dejjem jekk tali għanijiet ikunu inerenti għan-natura tat-taxxa. Għaldaqstant, l-invokar mill-Qorti Ġenerali tal-allegat għan ridistributtiv tat-taxxa dwar ir-reklamar għall-iskopijiet tal-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà jikkostitwixxi żball ta’ liġi.

— Fit-tielet lok, il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali espressa fil-punti 91 sa 105 tas-sentenza appellata, li skontha l-Kummissjoni wettqet żball billi kkonkludiet li l-għan ta' ridistribuzzjoni ma jiġġustifikax in-natura progressiva tat-taxxa bbażat fuq il-volum ta' kummerċ hija żbaljata. L-affermazzjoni tal-Qorti Ġenerali li t-taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar ma hijiex diskriminatorja u li l-għan tagħha huwa wieħed ridistributtiv hija bbażata fuq il-preżunzjoni żbaljata li l-impriżi b'volum għoli ta' kummerċ neċessarjament ikollhom iktar benefiċċji mill-impriżi b'volum ta' kummerċ iktar baxx. Billi bbażat ruħha fuq din il-preżunzjoni żbaljata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi inkwantu aċċettat, sabiex tiġġustifika d-distinzjoni maħluqa mit-taxxa, għan li ma jiffurmax parti min-natura tal-imsemmija taxxa. Barra minn hekk, billi ammettiet li din il-preżunzjoni hija żbaljata, il-Qorti Ġenerali qalbet l-oneru tal-prova b'mod indebitu u obbligat lill-Kummissjoni turi li r-rati ta' taxxa stabbiliti mit-taxxa Ungeriża dwar ir-reklamar ma jistgħux jiġu ġġustifikati permezz tal-allegat għan ridistributtiv tagħha.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 107(1) TFUE billi ddikjarat li t-tnaqqis ta' 50 % tat-telf ma kienx selettiv. Fl-ewwel lok, il-miżura ma hijiex kompatibbli mas-sistema ta' riferiment li jitqies li tagħmel parti minnha, inkwantu tippermetti li l-persuni suġġetti għall-ħlas tat-taxxa skont il-volum ta' kummerċ inaqqsu t-telf magħmul, liema fatt ma jirriflettix il-benefiċċji tal-impriża. Fit-tieni lok, il-miżura ma hijiex ta' natura ġenerali, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Qorti Ġenerali, u ma tiddependix minn ċirkustanza inċerta, ġaladarba l-benefiċjarji tal-miżura relatata mal-eżerċizzju fiskali preċedenti setgħu jiġu identifikati fil-mument tal-introduzzjoni tat-taxxa.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Špecializovaný trestný súd (is-Slovakkja) fid-9 ta' Awwissu 2019 – Úrad špeciálnej prokuratúry Generálnej prokuratúry Slovenskej republiky vs TG, UF

(Kawża C-603/19)

(2019/C 348/12)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Špecializovaný trestný súd

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Úrad špeciálnej prokuratúry Generálnej prokuratúry Slovenskej republiky

Konvenuti: TG, UF

Domandi preliminari

1) Id-Direttiva 2012/29/UE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, hija applikabbli, fil-qasam tad-drittijiet (bħad-dritt għal parteċipazzjoni attiva tal-parti leża fil-proċeduri kriminali u d-dritt għal kumpens għad-dannu f'tali proċeduri), li min-natura tagħhom stess ma humiex mogħtija lill-persuna fiżika biss, li hija esseri senzjenti, anki għall-persuni ġuridiċi u għall-Istat, u b'mod iktar preċiż għall-awtoritajiet nazzjonali, meta d-dritt nazzjonali jirrikonoxxilhom il-kwalità ta' parti leża fil-kuntest tal-proċeduri kriminali?

2) L-Artikoli 17 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 38(1)(h) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 ([2]) tal-21 ta' Ġunju 1999, moqri flimkien mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 ([3]) tal-11 ta' Lulju 1994, jipprekludu leġiżlazzjoni u prassi deċiżjonali ([4]) li skonthom, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, l-Istat la jista' jaġixxi b'mod li jikkumpensa d-dannu li ġie kkawżat lilu permezz ta' aġir frawdolenti mill-persuna indagata, li l-effett tiegħu kien miżappropjazzjoni tal-fondi mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, u lanqas ma jista' jippreżenta rikors, skont l-Artikolu 256(3) tal-Kodiċi tal-Proċeduri Kriminali, kontra digriet li permezz tiegħu l-qorti tkun iddeċidiet li l-Istat, jew l-awtorità nazzjonali li tirrappreżentah, ma jistax jintervjeni fis-seduta bħala parti leża li għandha dritt titlob kumpens għad-dannu, u lanqas ma għandu għad-dispożizzjoni tiegħu xi azzjoni